II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Marzu 2009

li tikkonċerna derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tan-negozju għal finijiet statistiċi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1568)

(It-testi bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, u bis-Slovakk biss huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/252/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tas-Slovakkja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 stabbilixxa qafas komuni ġdid għar-reġistri kummerċjali esklussivament għall-finijiet tal-istatistika sabiex jinżamm qafas armonizzat għall-iżvilupp ta' reġistri kummerċjali.

(2) L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 177/2008 jipprovdi li meta r-reġistri tal-kummerċ jeħtieġu adattament ewlieni, il-Kummissjoni tista' tikkonċedi deroga fuq talba tal-Istat Membru għal perjodu tranżitorju li ma għandux ikun itwal mill-25 ta' Marzu 2010. Għall-agrikoltura, forestrija u sajd, għall-amministrazzjoni pubblika u għad-difiża, u għas-sigurtà soċjali obbligatorja, u għall-karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga fuq talba ta' Stat Membru għal perjodu tranżitorju li ma għandux ikun itwal mill-25 ta' Marzu 2013.

(3) Xi Stati Membri talbu biex dawk id-derogi jingħataw.

(4) Jidher li huwa ġġustifikat li dawn id-derogi jingħataw, billi t-talbiet tal-Istati Membri huma msejsa fuq ħtieġa leġittima biex jadattaw aktar is-sistemi tagħhom ta' statistika nazzjonali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi huma hawnhekk mogħtija lill-Istati Membri mniżżla fl-Anness, skont il-kundizzjonijiet u soġġetti għall-limiti stipulati fih, sabiex jippermettu lil dawk l-Istati Membri biex iġibu s-sistemi nazzjonali tal-istatistika rispettivi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 177/2008.

[1] ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tas-Slovakkja.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

DEROGI MOGĦTIJA

Stat Membru	Derogi Moghtija	Tmiem Tad-Deroga
Il-Belġju	Karatteristiċi 4.1, 4.2a, 4.3 għal 4.7 u 4.9	25 ta' Marzu 2010
	Karatteristiċi 1.8 għal 1.12a, 1.13a, 3.12, 4.11, 4.12a u 4.13a	30 ta' Ġunju 2011
Id-Danimarka	Kopertura ta' gruppi ta' intrapriża:	30 ta' Ġunju 2009
	Kopertura tal-gruppi ta' intrapriża li ma jappartjenux għall-Ikbar MNE trażmessi mill-Eurostat	31 ta' Diċembru 2009
Il-Ġermanja	Karatteristika 3.11 u l-aħħar parti tal-karatteristika 1.7a (Referenza għall-fajls tad-dwana jew għar-reġistru tal-operaturi barra l-Komunità)	25 ta' Marzu 2010
	Agrikoltura, forestrija u sajd, amministrazzjoni pubblika u difiża, u sigurtà soċjali obbligatorja	31 ta' Diċembru 2012
L-Estonja	Karatteristika 1.12a	25 ta' Marzu 2010
L-Irlanda	Deroga shiħa	31 ta' Diċembru 2008
	Karatteristika 1.3	31 ta' Diċembru 2009
	Karatteristika 3.11 Kopertura tal-gruppi ta' intrapriża li ma jappartjenux għall-ikbar MNE trażmessi mill-Eurostat	25 ta' Marzu 2010
	Karatteristiċi 1.8 għal 1.12b, 1.13a, 3.12, 4.1, 4.2a, 4.5 sa 4.7, 4.9, 4.13a	31 ta' Diċembru 2012
	Agrikoltura, forestrija u s-sajd, amministrazzjoni pubblika u difiża, u sigurtà soċjali obbligatorja	25 ta' Marzu 2013
Il-Greċja	Gruppi ta' intrapriża u l-karatteristiċi tagħhom	31 ta' Diċembru 2008
	Kopertura tal-gruppi ta' intrapriża li ma jappartjenux għall-ikbar MNE Trażmessi mill-Eurostat	25 ta' Marzu 2010
	Agrikoltura, forestrija u sajd, amministrazzjoni pubblika u difiża, u sigurtà soċjali obbligatorja, u l-karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	25 ta' Marzu 2013
Franza	Agrikoltura, forestrija u sajd	30 ta' Ġunju 2012
Il-Latvja	Gruppi ta' intrapriża multinazzjonali u l-karatteristiċi tagħhom	31 ta' Diċembru 2008
	Kopertura ta' gruppi ta' intrapriża li ma jappartjenux għall-Ikbar MNE Trażmessi mill-Eurostat	5 ta' Marzu 2010
	Il-Karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	31 ta' Diċembru 2010
Il-Litwanja	Gruppi ta' intrapriża multinazzjonali u l-Karatteristiċi tagħhom	25 ta' Marzu 2010
	Il-karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	25 ta' Marzu 2013

Stat Membru	Derogi Mogħtija	Tmiem Tad-Deroga
Il-Lussemburgu	Gruppi ta' intrapriża u l-karatteristiċi tagħhom	31 ta' Diċembru 2008
	Kopertura ta' gruppi ta' intrapriża li ma jappartjenux għall-ikbar MNE trażmessi mill-Eurostat	31 ta' Diċembru 2009
	Agrikoltura, forestrija u sajd, amministrazzjoni pubblika u difiża, u sigurtà soċjali obbligatorja	31 ta' Diċembru 2010
	Il-karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	25 ta' Marzu 2013
Malta	Gruppi ta' intrapriża u l-karatteristiċi tagħhom	31 ta' Diċembru 2008
	Kopertura ta' gruppi ta' intrapriża li ma jappartjenux għall-ikbar MNE trażmessi mill-Eurostat	25 ta' Marzu 2010
	Il-karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	25 ta' Marzu 2013
L-Olanda	Karatteristiċi 1.12a, 1.13a, 3.11, 4.4, 4.11, 4.12a U 4.13a	25 ta' Marzu 2010
	Agrikoltura, forestrija u sajd, amministrazzjoni pubblika u difiża, u sigurtà soċjali obbligatorja, u l-karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	25 ta' Marzu 2013
L-Awstrija	Karatteristika 3.11 li tikkonċerna s-sotto-setturi (pubbliċi, privati nazzjonali, ikkontrollat minn barra) ta' S.11, S.122, S.123, S.124 U S.125;	25 ta' Marzu 2010
	Gruppi ta' intrapriża u l-karatteristiċi tagħhom	
	Agrikoltura, forestrija u sajd	31 ta' Diċembru 2011
	L-unitajiet lokali u l-karatteristiċi tagħhom fl-amministrazzjoni pubblika u difiża u sigurtà soċjali obligatorja	31 ta' Diċembru 2012
Il-Polonja	Informazzjoni dwar l-intrapriżi multinazzjonali u t-trażmissjoni tagħhom lil Eurostat	31 ta' Marzu 2009
	Agrikoltura, forestrija u sajd	31 ta' Diċembru 2011
Is-Slovakkja	Karatteristiċi addizzjonali relatati ma' gruppi ta' intrapriża	30 ta' Ġunju 2009